**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 24 ta' Gunju, 2017**

**Talba Nru: 454/2017 PM1**

**Elbros PPB Limited (C14546) u**
**Elbros Construction Limited (C10925)**

**Vs**

**Emmanuel Baldacchino & Co Limited (C44700)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Settembru, 2017 illi l-s-socjetajiet intimati huma debituri fil-konfront tas-socjetajiet atturi fis-somma komplessiva ta' elfejn, sitt mija u tlettax-il euro u hamsa u sebghin centezmi (€2613.75) u cioe` fil-konfront tas-socjeta` Elbros PPB Limited fis-somma ta' elfejn, hames mija tnejn u hamsin Ewro u sitta u ghoxrin centezmi (€2552.26) u fil-konfront tas-socjeta` Elbros Construction Limited fis-somma ta' wiehed u sittin Ewro u disgha u erbghin centezmi (€61.49) u dana in rapprezentanza ta' kunsiderazzjoni ghall servizzi u materjali provduti

mis-socjetajiet attrici bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 2290/2017 u l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheru r-rapprezentanti taghha ghas-seduta tas-17 ta' Jannar, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjetajiet attrici fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2018 u fil-fatt is-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetajiet attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjetajiet attrici is-somma komplessiva ta' elfejn, sitt mija u tlettax-il euro u hamsa u sebghin centezmi (€2613.75) u cioe` is-somma ta' elfejn, hames mija tnejn u hamsin Ewro u sitta u ghoxrin centezmi (€2552.26) lis-socjeta` attrici Elbros PPB Limited u is-somma ta' wiehed u sittin Ewro u disgha u erbghin centezmi (€61.49) lis-socjeta` attrici Elbros Construction Limited bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 2290/2017 u l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta` intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**